Kuntatt
...ma' l-iskola t'ibnek
Marzu 2008

Messaġġ mill-Kap ta' l-Iskola

## Ritratt

L-eżamijiet ta' nofs is-sena ġew u marru. F'idejna issa għandna wkoll ir-riżultat; ir-ritratt għalina l-għalliema, l-istudenti u l-ġenituri. Hemm bżonn li kulħadd iħares lejh u jiġġudika kemm ġie jew ma ġiex tajjeb dan ir-ritratt.

Id-diskussjoni fuqu ssir nhar it-Tlieta 18 ta' Marzu waqt Jum il-Ġenituri. Id-diskussjoni għandha tinvolvi lil kulħadd. X'hemm bżonn li jagħmel l-istudent biex fl-aħħar tas-sena joħroġ ritratt aħjar? U l-ġenituri u l-għalliema fiex u kif jistgħu jgħinu?

L-istudenti diġà kellhom l-opportunità jaraw il-karti u fejn meħtieġ jiddiskutuhom ma' l-għalliema. Ir-riżultat fih innifsu jagħti indikazzjoni fiex inhu l-istudent meta mqabbel ma' studenti oħra.

Jekk il-marka miksuba toqrob lejn il-medja tal-livell allura wieħed m'għandux għalfejn jinkwieta. Jidher li l-istudent miexi tajjeb u għandu jibqa' sejjer hekk, filwaqt li jimpenja ruħu ftit aktar. Fejn il-marka tisboq lill-medja allura jfisser li l-istudent sejjer tajjeb ħafna u għandu jkompli għaddej bl-istess ritmu.

Iżda jista' jkun li r-ritratt fih xi ċaqliq u għalhekk l-affarijiet m'humiex daqshekk ċari. F'dan il-każ hemm bżonn li niflu r-ritratt sew ħalli nifhmu x'wassal biex ir-ritratt joħroġ imċaqlaq.

It-tifel, kemm qed jieħu l-iskola bis-serjetà? Kemm qed jimpenja ruħu? Kemm qed jagħmel ix-xogħol li jingħata għad-dar b'impenn? Kemm qed jgħaddi ħin jaqra, jirrevedi u jistudja? Jew qed jiġi l-iskola bla ma jifhem kemm hi importanti l-edukazzjoni? Jew qed jasal lura d-dar mill-iskola u ma jsibx ambjent ta' ġabra li jgħinu jkompli dak li nbeda l-iskola? Jew qed iqatta' ħafna ħin jiġri barra jew juża l-kompjuter ħażin?

Aħna l-ġenituri fejn qed inkunu? X'qed nagħmlu biex ngħinu? Kemm nagħtu każ tad-djarju ta' l-iskola? Kemm qed inwarrbu ħin sabiex insegwu lil uliedna? Kemm għandna attitudni tajba lejn l-iskola? Kemm qed nesiġu impenn sħiħ min-naħa tat-tfal? Kemm aħna kapaċi ma nċedux għal kull talba li jagħmlulna wliedna speċjalment jekk nafu li mhux ta' ġid għalihom bħala studenti? Kemm inwiddbuhom meta nsiru nafu li l-imġiba tagħhom fil-klassi mhix tajba? U tant mistoqsijiet oħra.

Jalla r-ritratt li għandna f'idejna jgħinna nifhmu x'hemm bżonn isir sabiex uliedna jkunu jistgħu jiksbu aktar suċċessi fil-ħajja tagħhom.

J. Micallef
Kap ta' l-Iskola

Tel: 21642427 Fax: 21642423
Email: sanbenedittu.bco@gov.mt
Website: http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco

## Siegħa studju biżżejjed?

Issa li għaddew l-eżamijiet u li nafu x'riżultati kisbu wliedna, imiss lilna li, flimkien magħhom, nanalizzaw x'sar tajjeb u x'sar ħażin. Żgur li wliedna kienu jafu bejn wieħed u ieħor x'riżultati setgħu jiksbu. Ħadd aħjar minnhom ma jista' jkun jaf kemm ix-xogħol ta' matul l-ewwel nofs tas-sena ħaduh bis-serjetà u stinkaw għalih.

L-għalliema lkoll jagħmlu l-almu tagħhom biex fil-klassi jsir ix-xogħol tas-suġġett skond kif jitlob is-sillabu. Iżda x-xogħol fil-klassi biss mhuwiex biżżejjed. Hemm bżonn li x-xogħol jitkompla d-dar, mhux biss billi l-istudent jaħdem ix-xogħol mitlub mill-għalliema, iżda wkoll billi jistudja x-xogħol li jkun sar fil-klassi. Irid jieħu interess ġenwin fis-suġġetti ta' l-iskola billi jkompli jitgħallem fuqhom bis-saħħa ta' qari ta' kotba oħrajn, u tiftix ieħor mill-internet jew minn stazzjonijiet edukattivi tat-televixin.

Li student jiġi fuq l-għalliem tiegħu rrabbjat għax ġab marka ħażina fl-eżami minħabba li qatta' siegħa jistudja x-xogħol li sar f'erba' xhur jixhed kemm hawn nuqqas ta' serjetà minn xi studenti. L-obbligu ta' l-istudent huwa li x-xogħol ta' l-iskola ma jiħdux bħallikieku kien xi ħin biex jgħaddi ż-żmien, imma biex, filwaqt li jieħu pjaċir, jistinka biex jieħu kemm jista' jkun mit-tagħlim li jkun qed jingħatalu.

Bord Editorjali: G. Micallef (Asst. Kap), D. Agius Muscat, P. Callus, M. Zahra Sacco
Issettjar: P. Callus, A. Galea
Disinn: R. Mamo

EDU 2125
Carol Debono tintervista lil Frans Borg, Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, live kull nhar ta' Erbgħa fid-9.30am b'repetizzjoni il-Ħadd fis-6.00pm u t-Tlieta fis-6.30pm fuq E22
tel: 21241646 sms: 50619822 email: edu2125@e22.com.mt

## L-Eżerċizzi tar-Randan

Eżerċizzi tas-soltu? Ma naħsibx! Bejn il-25 ta' Frar u s-7 ta' Marzu, l-istudenti ta' l-iskola tagħna kellhom l-opportunità li jiltaqgħu mal-Kelma t'Alla. Il-mużika, *video clips* u l-*powerpoint* għenu biex il-messaġġ jasal aħjar. L-imħabba kbira li Alla għandu għal kull persuna u s-sejħa tagħna biex inħobbuh lura u nħobbu lil xulxin, kienet it-tema prinċipali. L-eżerċizzi spiċċaw b'quddiesa fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Safi. Il-kelliema kienu Fra Dennis Calleja, Ofm Cap. Ray Pace S.J., Dun David Farrugia u Patri Leslie Gatt O.S.A.

Dipartiment tar-Reliġjon

# In-Notice Board tal-Kunsill Skolastiku

## Il-Kap ta' l-Iskola dwar il-Kunsill Skolastiku fl-okkażjoni ta' Jum il-Premjazzjoni

Fid-diskors tiegħu fl-okkażjoni ta' Jum il-Premjazzjoni, il-Kap ta' l-Iskola, is-Sur Joseph Micallef tkellem dwar ix-xewqa tal-Kunsill Skolastiku li tinħoloq struttura li permezz tagħha jkun possibbli li l-ġenituri jingħaqdu ma' wliedhom kull meta jkollhom attivitajiet kurrikulari barra mir-rutina normali tal-klassi. Huwa żied jgħid li hemm il-ħsieb li l-Kunsill ikollu sottokumitat li xogħlu jkun propju li jiffaċilita l-involviment tal-ġenituri.

Fid-diskors tiegħu, is-Sur Micallef semmà wkoll ftit mix-xogħol li qed iwettaq il-Kunsill, fosthom, għen biex inżidu r-riżorsi lil numru ta' Dipartimenti, fosthom tal-HE u D&T, tal-Guidance, tar-Reliġjon u tal-*Foundation Programme*. Ipprovda wkoll il-purtieri għad-*Drama Room*. Ma setax jonqos li jieħu ħsieb il-problema tan-nuqqas ta' lqugħ mix-xemx li għandha l-iskola. Beda billi introduċa l-beritta ta' l-iskola u ftit tal-ġimgħat oħra ser ikun qed jipprovdi għal numru ta' tined għal mal-*picnic tables*. Fil-prinċipju qabel li jipprovdi fondi għal taħriġ ta' aġġornament ta' l-għalliema u fondi għal kull suġġett sabiex jiffaċilita x-xiri ta' riżorsi għat-tagħlim. Dan minbarra fondi oħrajn bħal dawk li ser imorru biex jissussidjaw il-pubblikazzjoni ta' l-i*School Annual* li jmiss u fuq kollox parti sostanzjali mill-finanzi meħtieġa għall-okkażjoni ta' Jum il-Premjazzjoni. Il-Kap ta' l-Iskola spiċċa biex irringrazzja lill-membri kollha tal-Kunsill iżda b'mod speċjali lill-ġenituri membri, li minkejja l-impenji ta' familja u ta' xogħol li għandhom, xorta jsibu ħin għall-ġid ta' l-istudenti tagħna.

# KALENDARJU 2007

## *Marzu*

14 - Quddiesa f'Jum id-Duluri
17 - Sports Fest (Form 4 u 5)
18 - Jum il-Ġenituri
18 - Wirja: Il-Wirt Arkitettoniku Malti
19 - Vaganza Pubblika
20-26 - Vaganzi ta' l-Għid
27 - Bidu tat-Tielet Term
31 - Vaganza Pubblika

## *April*

1-3 - Laqgħa għall-Ġenituri fuq Stil ta' ħajja aħjar
3 - Quddiesa (Form 1)
7-10 - Laqgħa fuq is-Suġġetti Magħżula (Form 2)
14 u 16 - L-Għażla tas-Suġġetti (Form 2)
17 - Jum il-Premjazzjoni (Form 5)
18 - Attività tal-Kunsill ta' l-Istudenti
21-25 - Seminar fuq l-Abbuż minn Sustanzi (Form 1)
21-25 - Il-Ġimgħa tal-Librerija
28-30 - Kampanja kontra t-Tipjip (Form 2)





# UFFIĊJALI 2008

## *Mejju*

1 - Vaganza Pubblika
5-9 - Sports Fest
6 - Laqgħa ta' l-Atletika (għall-iskejjel tas-sekondarja)
8 - Quddiesa (Form 2)
9 - Tagħrif fuq Karrieri (ħarġa edukattiva għall-Form 4)
15 - Quddiesa (Form 3)
19-23 - Assessjar (it-tielet term)
19-23 - Seminar fuq l-Abbuż minn Sustanzi (Form 2)
22 - Quddiesa (Form 4)
22-23 - Żjara mill-Istudenti tal-Primarji tal-Kulleġġ
23 - Taħriġ Professjonali għall-Għalliema (wara l-ħin ta' l-iskola)
26-27 - Żjara mill-Istudenti tal-Primarji tal-Kulleġġ
28 - Seminar ta' Ġurnata għall-Għalliema
30 - Laqgħa fuq l-Ippjanar ta' l-Eżamijiet tas-SEC (Form 4)

## *Ġunju*

2 - Bidu tan-nofs ta' nhari
17-27 - Eżamijiet Annwali





## Ir-responsabbiltà tagħna bħala ġenituri

***Diffiċli tkun ġenitur***

Illum is-soċjetà (permezz tax-xandir) tant tibbumbardjana b'affarijiet li huwa mistenni minna li nagħmlu, li nħoss li fil-ħajja sirna bħal dak li jtajjar il-blalen fl-arja, jaqbadhom huma u niżlin u bl-akbar ħeffa jerġa' jtajjarhom fl-arja. Jispiċċa:

1. Jew jegħja hu waqt li bi tbatija jkun qiegħed jibbilanċja.
2. Inkella ma' l-iċken nuqqas, jaqa' kollox f'ħajtu.

***Faċli tinqeda bil-babysitters għax għejejt***

Għalhekk minħabba li negħjew, is-soċjetà (permezz tax-xandir) tippreżentalna l-*babysitters* ħalli aħna nkunu nistgħu nibqgħu naħdmu. Dawn iżommulna lit-tfal okkupati ħalli aħna nibqgħu għaddejjin, mingħajr ħin biex nieqfu naħsbu. Ma jħallu lil ħadd jieqaf u jaħseb dwar l-ikbar u l-egħżeż ħaġa li għandna f'ħajjitna – it-tfal tagħna.

***Għandek responsabbiltà lejn uliedek u lejn is-soċjetà***

- Ħafna flus fi bwiet it-tfal - "biex ikun jista' jixtri dak li jixtieq u ma jkunx nieqes".
- Rigali eċċessivi sa minn età żgħira ħafna - "xtrajtlu mowbajl bil-kamera għax għamel il-preċett".
- Ikel lest li qbadt u tfajt fil-*microwave* - "l-aqwa li kilna xi ħaġa ta' malajr".
- Naduraw xi serje televiżiva - "biex ikolli fuqiex nitkellem ma' l-oħrajn".

***L-iċken ħaġa li tagħmel int, taffettwa direttament is-soċjetà li fiha tgħix***

Hemm bżonn li nieqfu minuta u naħsbu. Nieqfu nużaw kliem bħal "kulħadd għandu", "kulħadd jarah", "kulħadd hekk jagħmel" u nistaqsu: "Kemm qed inkun responsabbli fil-ħarsien ta' wliedi?"

R. Mifsud
Għalliem tal-*Guidance*



## Avviż dwar l-uniformi

Peress li minn żmien għal żmien, minħabba raġunijiet varji, ikun hemm min ikollu bżonn jixtri xi parti mill-uniformi, għamilna arranġamenti biex l-*Eagle K-wear* joffru servizz kif ġej: 24, 25 u 26 ta' Marzu 2008 bejn id-9.00 u s-1.00 ta' wara nofs in-nhar. Inħeġġiġkom tagħmlu użu minn dan is-servizz speċjalment issa li dalwaqt naqilbu għall-uniformi tas-sajf.

# Ftit Minuti ma' Saħħa u Sigurtà

**Saħħa**: Kif aħna ħbieb? Illum jien u oħti nixtiequ naqsmu magħkom ftit esperjenzi li niltaqgħu magħhom l-iskola, u li b'xi mod jew ieħor jolqtu s-saħħa u s-sigurtà ta' sħabna l-istudenti.

**Sigurtà**: Iva, hekk hu. Importanti ħafna anzi, għax b'hekk ngħinu lill-istudenti jirriflettu fuq kemm nuqqasijiet żgħar u mingħajr intenzjoni partikolari, jafu jwasslu għal perikli bla bżonn, b'konsegwenzi mhux mixtieqa.

**Saħħa**: Xi ħaġa li tispikka ħafna fl-iskola tagħna huwa ċ-ċajt goff, speċjalment bl-idejn. Jixbgħu jiġbdulna l-attenzjoni l-għalliema, imma donnu ħadd ma jirrealizza l-periklu kollu li jġib miegħu. Nifhem li l-logħob huwa bżonnjuż u ta' ġid, però b'mod kontrollat. Ftit ilu weġġa' tifel serjament minħabba ċajta. Għadni ma nistax ninsa t-tbatija li għadda minnha u x-xokk kbir li sofrew dawk li kienu preżenti ħdejh.




**Sigurtà**: Aħna l-bniet ma tantx niggustawh il-logħob goff, però għandna n-nuqqasijiet tagħna wkoll. Waqt ħin il-brejk l-istudenti jħobbu joqogħdu jirrilassaw f'passaġġi u fit-turġien. L-aħħar darba għalliema sofriet ksur kawża ta' dan in-nuqqas. Sinjali li jindikaw 'KEEP CLEAR' u 'NO STOPPING ZONE' għandhom ikunu rispettati.




**Saħħa**: La darba qed issemmi s-sinjali tajjeb niġbed attenzjoni dwar il-vandaliżmu li jsir fuq tabelli ta' sigurtà minn studenti irresponsabbli għall-aħħar. Dan huwa meqjus bħala att kriminali u min jinqabad mhux biss ikollu jħallas ta' l-ispejjeż, imma wkoll jagħti rendikont ta' għemilu mal-ġustizzja. Hija xi ħaġa serja ħafna li xi ħadd innoċenti jsofri minn inċidenti waqt evakwazzjoni minħabba att vandalu.

**Sigurtà**: Ta' min jirrifletti bis-serjetà fuq dawn in-nuqqasijiet qabel ma jkun tard wisq.

R. Zammit
Għalliema Saħħa u Sigurtà

# Suċċessi sportivi fl-iskola tagħna



F'Ottubru li għadda, d-dipartiment ta' l-Edukazzjoni Fiżika ħabbar li tul is-sena skolastika kien ser ikun hemm tliet ġimgħat ddedikati għall-isport, magħrufa bħala Sportsfest.

F'dawn l-aħħar ġranet saret it-tieni ġimgħa ta' Sportsfest. Mingħajr tlaqliq nistgħu ngħidu li dawn l-attivitajiet kienu għal darb'oħra suċċess. L-ewwel attività saret il-Ġimgħa 29 ta' Frar fejn ġie organizzat turnew tal-futbol għall-istudenti tar-raba' u l-ħames sena. Hawnhekk ipparteċipaw tliet skejjel oħra: il-Kulleġġ ta' Sant'Injazju, Sekondarja Subien; il-Kulleġġ Santa Klara, Sekondarja Subien; u l-Kulleġġ San Nikola, Sekondarja Subien. Kien ta' sodisfazzjon doppju għall-iskola tagħna l-fatt li rbaħna wkoll it-turnew.



Flimkien ma' din l-attività ġew organizzati ġranet oħra ta' sport bl-għan ewlieni jkun li l-istudenti jesperjenzaw għadd ta' dixxiplini sportivi differenti biex isiru aktar konxji tal-benefiċċji li l-isport jista' jħalli f'ħajjithom. Għalhekk nhar it-Tlieta 11 ta' Marzu (studenti tat-Tieni Sena), l-Erbgħa 12 ta' Marzu (studenti tat-Tielet Sena) u t-Tnejn 17 ta' Marzu (studenti ta' l-Ewwel Sena) ġew imqassma f'żewġ gruppi differenti. L-ewwel grupp baqa' l-iskola u kellu diversi attivitajiet ta' l-atletika u *tag rugby*. It-tieni grupp mar il-kumpless sportiv ta' l-Universita` Tal-Qroqq fejn sar taħriġ fl-għawm u fil-*baseball*.





L-organizzaturi jixtiequ jirringrazzjaw lil numru ta' ġenituri li taw l-għajnuna tagħhom f'dawn il-ġranet biex l-attivitajiet ikunu suċċess. Ringrazzjament speċjali jmur lejn il-Kunsill Malti għall-Isport tal-għajnuna siewja biex l-istudenti setgħu jagħmlu użu mill-faċilitajiet sportivi.

Id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni Fiżika

## Jum il-Premjazzjoni

Nhar il-Ħamis 13 ta' Marzu, l-iskola organizzat Jum il-Premjazzjoni, ċerimonja li saret aktar kmieni mis-soltu fil-kalendarju skolastiku. Peress li s-sala ta' l-iskola għadha fi stat ta' kostruzzjoni, ridna għal darb'oħra nsibu post alternattiv. L-għażla waqgħet fuq is-sala ġdida u sabiħa ta' l-iskola primarja ta' l-Imqabba, skola li tagħmel parti wkoll mill-Kulleġġ San Benedittu.

Is-serata bħal dejjem kellha vetrina ta' talenti varji ta' l-istudenti tagħna. Fil-fatt, kien hemm kant, żfin u siltiet mużikali meħuda mill-*musical* magħruf, *Jesus Christ Superstar* bis-sehem tal-banda u l-kor ta' l-iskola taħt id-direzzjoni ta' l-għalliema A. Pace, R. Mamo u N. Gafà. Biss il-qofol intlaħaq bil-produzzjoni viżiva, *Ilħna*, kitba ta' R. Muscat, Assistent Kap, mużika ta' l-għalliema K. Scicluna u A. Pace u direzzjoni ta' l-istess K. Scicluna. Ix-xogħol fuq din il-produzzjoni ambizzjuża beda minn Novembru li għadda u nġibdu xeni f'diversi lokalitajiet madwar Malta. Il-filmat kien jinkludi l-parteċipazzjoni ta' studenti u għalliema flimkien, bis-sehem ukoll ta' xi studenti bniet mill-iskola sekondarja ta' Ħal Tarxien fi ħdan il-kulleġġ tagħna.

Waqt is-serata tkellmu l-Kap ta' l-Iskola, is-Sur Joseph Micallef, id-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni, Dr Grace Grima u s-Segretarju Permanenti ta' l-Edukazzjoni, is-Sur Frans Borg. Wara dawn id-diskorsi, saret iċ-ċerimonja ta' l-għoti tal-premjijiet. Hawn ta' min wieħed jgħid li l-premjijiet li ngħataw ma kinux biss fuq merti akkademiċi. Ingħataw premjijiet anki lil studenti li ddistingwew ruħhom f'ċerti valuri ta' solidarjetà u impenn fil-ħajja ta' l-iskola. Is-serata kienet ippreżentata mill-istudenti Florin Agius u Jean Paul Borg flimkien ma' l- għalliem R. Mifsud. Ħajr speċjali jmur għall-għalliema R. Zammit li ħadet ħsieb il-kordinazzjoni loġistika biex setgħet tittella' din is-serata.

L-amministrazzjoni ta' l-iskola tixtieq tirringrazzja lis-Sa Miceli, Aġent Kap ta' l-Iskola Primarja ta' l-Imqabba, li laqgħetna b'disponibilità kbira sabiex din is-serata setgħet issir b'suċċess.

# Jum il-Premjazzjoni














ilhna